**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 94/22 GG**

**Mortar Holding Services Company Limited (C-73924)**

**vs.**

**Satabank plc (C-66993)**

**L-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;**

**u ghal kull interess li jista' jkollu, l-Avukat Dr. Richard Galea Debono (233355M) fil-kwalita' tieghu ta' kontrollur tas-socjeta' Satabank plc.**

Illum 5 ta' Lulju 2023

Sentenza dwar eccezzjoni preliminari mressa mis-socjeta' konvenuta Satabank plc.

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors guramentat ta' Mortar Holdings Services Company Limited (C-73924) ippreżentat quddiem din il-Qorti fl-4 ta' Frar, 2022 li fih ghamlet is-segwenti premessi u talbiet:

Illi s-socjeta' esponenti ghandha s-somma ta' €553,373.48 f'kont li hija kellha mal-bank Satabank plc bil-kont numru PL7016001462.

Illi b'avviz numru 87/2018 mahrug mill-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta fl-20 ta' Ottubru 2018, il-bank Satabank plc gie ordnat jieqaf jaccetta aktar depoziti jew jirrilaxxja fondi mizmuma minnu u hatret lil EY (Ernst & Young) bhala persuna kompetenti a tenur tal-artikolu 29 (1) (b) tal-Att dwar il-Kummerc Bankarju (Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi b'avviz iehor tal-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta l-Avukat Dr. Richard Galea Debono gie mahtur kontrollur tal-imsemmija Satabank plc a tenur tal-artikolu 29 (1) (h) tal-imsemmi Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mit-30 ta' Ottubru 2020.

Illi s-socjeta' esponenti, sa mill-2019, repetutament talbet lill-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u lill-Avukat Dr. Richard Galea Debono nomine sabiex jirrilaxxjawlha l-fondi mizmuma fil-kont taghha mas-Satabank plc, izda sallum, dawn ghadhom ma gewx rilaxxjati lilha.

Illi recentement, l-Avukat Dr. Richard Galea Debono nomine baghat jinforma lill-esponenti illi wara l-introduzzjoni tal-Att dwar il-Fond ghall-Bilanci Residwi huwa m'ghadx ghandu s-setgha li

jirrilaxxja l-fondi gja' mizmuma mill-bank Satabank plc u dan skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 618 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi madankollu llum irrizulta li l-irwol tal-Avukat Dr. Galea Debono bhala kontrollur tal-bank konvenut ghadu fis-sehh, u dan peress li ghadu ma giex pubblikat l-avviz ta' trasferiment mehtieg.

Illi ghal dan iz-zmien kollu, hadd mill-konvenuti ma nforma lis-socjeta' esponenti li jezisti xi impediment ghar-rilaxx tal-flejjes taghha.

Illi inoltre, l-Avukat Dr. Galea Debono baghat jikkonferma lis-socjeta' esponenti li s-somma pretiza minnha ghadha hekk depozitata u disponibbli.

Illi s-socjeta' esponenti intavolat protest gudizzjarju (Numru 157/2021) sabiex, fost affarijiet ohra, tottjeni r-rilaxx tal-flejjes taghha izda sallum, il-konvenuti kollha baqghu inadempjenti.

Illi huwa car ghalhekk, li b'rizultat ta' dan l-agir is-socjeta' esponenti sofriet u ser tibqa' ssofri danni, inkluz dawk a tenur tal-artikolu 1047 (1) tal-Kodici Civili, ghal liema danni ghandu jaghmlu tajjeb il-konvenuti jew min minnhom.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega skond il-ligi, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

(i) tikkundanna lill-konvenuti sabiex jirrilaxxjaw favur is-socjeta' esponenti s-somma ta' hames mija tlieta u hamsin elf, tliet mija tlieta u sebghin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€553,373.48) li hija ghandha depozitata fil-kont bin-numru PL7016001462 mal-bank konvenut Satabank plc.

(ii) tiddikjara l-konvenuti, jew min minnhom responsabbli ghad-danni kollha li sofriet u li ghadha qed issofri s-socjeta' esponenti b'rizultat tal-inadempjenza tal-konvenuti;

(iii) tillikwida d-danni kollha hekk sofferti u dovuti;

(iv) tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu wkoll lis-socjeta' esponenti, dawk id-danni hekk likwidati u dovuti.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju numru 157/2021 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti, ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta pprezentata quddiem din il-Qorti fit-23 ta' Marzu, 2021 li biha eccepiet b'mod preliminari,s-segwenti:

**Difiża**

1. Preliminarjament, ai termini tal-artikoli 10(d) u 13 tal-Kap.383 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-Onor Qorti m'hijiex kompetenti tisma u tiddeċiedi dwar it-talbiet magħmula mis-soċjetà rikorrenti Mortar Holding Services Company Limited ("**Mortar**"). Tali

vertenza għandha tinstema' mill-Bord tal-Appelli stabbilit taħt l-istess Kap.383 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (l-"**Awtorità**") m'hijiex il-leġittima kontraditriċi għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti Mortar billi l-Awtorità m'għandhiex is-setgħa tirillaxxa l-flejjes oriġinarjament depożitati ma Satabank p.l.c. ("**Satabank**"), m'hijiex dik li għandha aċċess għall-flejjes depożitati ma' Satabank, u wisq anqas għalhekk, m'hija f'posizzjoni tirrilaxxa s-somma ta' €553,373.48 li allegatament Mortar kellha depożitata fil-kont bin-numru PL7016001462 ma' Satabank. Għalhekk, l-Awtorità intimata għandha tinħeles mid-domandi.

Rat l-esposizzjoni tal-fatti skond l-istess Awtorita' kif elenkati fir-risposta taghha li qed ikunu riprodotti stante li huma utili ghall-eccezzjoni preliminari;

**Fatti**

3. Nhar il-15 ta' Ottubru 2018, l-Awtorità innominat lill-awdituri (EY) Ernst & Young bħala persuna kompetenti sabiex tagħti pariri lill-Satabank dwar it-tmexxija xierqa tal-kummerċ tagħha u dan ai termini tal-artikolu 29(1)(b) tal-Att.

4. Nhar l-20 ta' Ottubru 2018, l-Awtorità ħarġet direttiva fejn, ai termini tal-artikoli 4B u 9 tal-Att, irrestrinġiet il-liċenzja maħruġa lil Satabank u nnominat lill-awdituri (EY) Ernst & Young bħala persuna kompetenti ai termini tal-artikoli 29(1)(c) u (d) tal-Att,

sabiex tieħu f'idejha l-attiv ta' Satabank bl-għan li jiġu mħarsa l-interessi tad-depożitanti u tieħu f'idejha l-kontrol tal-kummerċ ta' Satabank.

5. (EY) Ernst & Young, wettqet proċess ta' rilaxx tad-depożiti oriġinarjament miżmuma minn Satabank wara li taċċerta ruħha illi jiġu rispettati l-obbligi ta' Satabank skont l-Att kontra *Money Laundering* (Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu (L.S.373.01 tal-Liġijiet ta' Malta). Is-soċjetà rikorrenti, għal-raġunijiet li taf bihom hi biss, ma pparteċipatx f'dan il-proċess u/jew ma pprovditx id-dokumenti neċessarji, kif mitluba minn (EY) Ernst & Young, sabiex din tipproċessa r-rilaxx ta' fondi

6. Nhar it-30 ta' Ottubru 2020, l-Awtorità ħarġet avviż permezz ta' liema ġie maħtur l-avukat Richard Galea Debono bħala kontrollur ai termini tal-artikolu 29(1)(h) tal-imsemmi Kap.371 tal-Liġijiet ta' Malta.

In vista ta' dak kollu suespost, l-Awtorità umilment tissottometti illi t-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala Kontrollur ta' Satabank p.l.c u ghan-nom tal-istess ipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 2022 li biha eccepixxa b'mod preliminari is-segwenti:

Rat ukoll l-esposizzjoni tal-fatti mill-Avukat Dottor Richard Galea Debono;

1. Illi preliminarjament, din il-Qqorti mhix kompetenti tisma' din il-vertenza, hekk skond id-dispost tl-artikolu 13 tal-Att dwar il-Kumpanniji Kontrollati (Procedura ta' Stralc) Kap 383 tal-Ligijiet ta' Malta –

*Kull kawza u pretensjoni li jinsabu pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civiliu li jkunu kawzi u pretensjonijiet kontra l-Kontrollur ta' attiv kontrollat li dwaru jkun inhareg ordni ghalstralc bis-sahha ta' dan l-Att, ghandhom jigu trasferiti lill-Bord tal-Appelli u ghandhom jitkomplew jinstemghu u jigu decizi minn dak il-Bord*[1]*:*

*Izda ebda haga li tinsab f'dan l-Att ma ghandha tnaqqas mill-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Appell li tkompli tisma' kull kaz li jinsab pendenti quddiemha:*

*Izda wkoll il-Kontrollur ikollu s-setgha li jirreferi kull haga ghall-arbitragg b'dawk il-patti u kundizzjonijiet li jista' jqis li jkunu xierqa, u kull haga riferita, kif ukoll haga riferita ghall-arbitragg qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att, ghandha tinstama' u tigi deciz minn u skont it-termini ta referenza biex isir arbitragg minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.*

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr regudizzju, l-esponenti jirraprezenta lill-konvenut Satabank p.l.c. u ghalhekk ma hemmx lok li l-istess entita' tigi imharrka darbtejn, u ghalhekk,

[1] Ir-referenza hawn hi lejn il-Bord tal-Appelli imwaqqaf bis-sahha tal-artikolu 7 tal-istess Att

ghall-korrettezza, in kwantu l-esponenti jinsab imharrek ghal kull interess li jista' jkollu, dan ghandu jigi estromess mill-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Avukat Richard Galea Debono minnu verbalizzata waqt l-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2022 li tghid hekk: *"L-Avukat Richard Galea Debono filwaqt li jaghmel referenza ghar-risposta ta' Satabank plc prezentata fid-9 ta' Marzu, 2022, jiddikjara li l-imsemmija Risposta hija wkoll ghal kull interess li jista' jkollu l-istess Avukat hekk kif gie mharrek fir-Rikors Mahluf fil-kwalita' tieghu ta' Kontrollur tas-socjeta' Satabank plc";*

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet kollha;

Rat l-atti;

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mit-konvenuti Satabank p.l.c. u l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta dwar in-nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* ta' din il-Qorti. Il-konvenuti jecepixxu illi l-mertu ta' din il-vertenza huwa kompetenza tal-Bord tal-Appell kostitwit bis-sahha tal-Kapitolu 383 tal-ligijiet ta' Malta. Filwaqt illi l-konvenuti Satabank p.l.c u l-Kontrollur tal-istess socjeta' jinvokaw l-artikolu 13 tal-Kapitolu 383, il-konvenuta Awtorita'ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta tishaq li l-kompetenza f'din il-materja hi fdata f'idejn il-Bord tal-Appelli bis-sahha tal-artikoli 10(d) u 13 tal-Kapitolu 383;

2. Huwa palezment akkolt mill-atti processwalli illi l-bank konvenut Satabank p.l.c. huwa suggett ta' stralc u ghal dan il-ghan fit-30 ta' Ottubru, 2020, kien nominat bhala Kontrollur l-Avukat Dottor Richard Galea Debono bil-konsegwenza illi minn dakinhar l-bank konvenut huwa attiv kontrollat fit-termini tal-Kapitolu 383 tal-ligijiet ta' Malta;

3. Illi kif inhu ampjament manifest sa issa, l-Awtorita' u l-bank konvenut huma tal-fehma illi la darba l-istess bank konvenut huwa attiv kontrollat fit-terminu tal-Kapitolu 383, allura l-kawza odjerna ma setghet qatt tingieb quddiem din il-Qorti stante li huwa l-Bord tal-Appelli kostitwit bis-sahha ta' dan il-Kapitolu li ghandu l-gurisdizzjoni esklussiva biex jisma u jiddeciedi vertenzi kontra l-kontrollur. Is-socjeta' attrici tilqa' ghal dan billi tirritjeni li fl-ewwel lok li l-kawza odjerna ma kienitx pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili meta kien promulgat l-Att XVIII tal-1995 llum Kapitolu 383 tal-ligijiet ta' Malta. Fit-tieni lok, l-attur jargumenta illi l-legislatur qatt ma ried li l-Bord tal-Appelli jkollu gurisdizzjoni unika u esklussiva dwar kull materja relatata ma' kumpaniji kontrollati u lanqas dwar kull materja fejn ikun hemm il-mera involviment ta' Kontrollur. Finalment l-istess socjeta' attrici ressqet argumenti ta' natura kostituzzjonali dwar il-komposizzjoni tal-Bord li ghandhom ikunu indikattivi ta' kemm il-Bord ma jistghax ikollu gurisdizzjoni esklussivi fil-materja in disamina. Precedentement ghal dan, l-istess socjeta tirritjeni illi la darba ma hemm l-ebda pretensjoni kontra l-Kontrollur, stante li dan kien imharrek ghall-kull interess li jista' jkollu ghall-integrita' tal-gudizzju, allura ma japplikax il-Kapitolu 383;

4. Maghmulha dawn l-osservazzjonijiet preliminari, tajjeb li jinghad *in primis* illi it-talbiet tas-socjeta' attrici huma primarjament ghar-rifuzzjoni ta' flus depozitati mal-bank konvenut u b'mod sekondarju ghal-likwidazzjoni ta' danni allegatament sofferti minn konsegwenza tan-nuqqas ta' dik ir-rifuzzjoni;

5. Il-partijiet ghamlu referenza ghad-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Corporate & Commercial FX Services Limited vs Satabank plc** (Rikors Guramentat nurmu 397/2019 MH) tal-1 t'April, 2022 b'liema digriet il-Qorti kienet cahdet it-talba ta' Satabank plc sabiex dik il-kawza tkun tintbaghat quddiem il-Bord tal-Appelli. Filwaqt illi l-Awtorita' u l-bank konveuti odjerni ma jaqblux ma' dik id-decizzjoni, s-socjeta' attrici tikkondividi r-ragunament u provvediment tal-Qorti fic-cahda ghal-trasferiment tal-kawza;

6. Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li hu rilevanti ghal-kwistjoni hawn devoluta hu jekk il-materja in disamina, jigifieri t-talba ghar-rifuzzjoni u t-talba ghall-likwidazzjoni ta' danni, hix wahda li taqa' fil-kompetenza tal-Bord tal-Appelli jew jekk kull vertenza li tmiss mal-istrac tal-kumapiji tezorbitax il-kompetenza ta' din il-Qorti u taqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Bord. Huwa palezi illi l-artikoli tal-ligi rilevanti ghal din id-diskussjoni huma l-artikolu 10 u 13 tal-kapitolu 383 tal-ligijiet ta' Malta. Frankament il-Qorti ma tistax tifhem kif il-bank konvenut jitfa' daqstant piz fuq l-artikolu 13 ghaliex huwa bil wisq evidenti illi dan l-artikolu hu intiz li jirregola dawk il-kawzi gia pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-mument tal-promulgazzjoni tal-Att :

**13. Kull kawza u pretensjoni li jinsabu pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u li jkunu kawzi u pretensjonijiet kontra l-Kontrollur ta' attiv kontrollat li dwaru jkun inhareg ordni ghal-stralc bis-sahha ta' dan l-Att, ghandhom jigu trasferiti lill-Bord tal-Appelli u ghandhom jitkomplew jinstemghu u jigu decizi minn dak il-Bord.**

7. Illi fi kwalunkwe kaz, gia dan l-istess artikolu johloq ostakolu ghall-eccezzjoni mressqa mill-konvenuti stante li, u kif tajjeb osservat is-socjeta' attrici, il-pretensjoniijiet odjerni huma kontra il-bank konvenut u l-Awtorita' filwaqt illi il-kontrollur huwa citat bhala ghal-kull interess li jista' jkollu.

8. Illi huwa l-artikolu 10 tal-Att li johloq il-gurisdizzjoni tal-Bord tal-Appelli meta dan jipprovdi hekk:

**10.(1) Il-Bord ikollu l-gurisdizzjoni unika u esklussiva li jisma u jiddeciedi dwar –**

**(a) Kull appell maghmul minn decizjoni tal-Kontrullur dwar xi pretensjoni;**

**(b) Kull pretensjoni li ssir ill-Kontrullur kontra terza parti inkluza pretensjoni ghar-radd lura ta' proprjeta li tkun fil-pussess ta' terzi persuni;**

**(c) Kull haga li ghandha x'taqsam ma', jew li titnissel mir-rapport u l-iskema ta' distribuzzjoni pubblikati ill-Kontorllur;**

**(d) Kull pretensjoni li ssir kontra xi Kontrullur li titnissel b'kull mod li jkun mill-amministrazzjoni u mill-istralc ta' xi attiv li jkun qieghed jikkontrolla.**

(e) **Il-Bord ikollu ukoll il-gurisdizzjoni unika u esklussiva biex jinforza id-decizjonijiet moghtija minnu kfi ukoll kull sentenza moghtija minn qorti kompetenti f'Malta kontra l-Kontrullur.**

9. Issa, kif tajjeb osservat din il-Qorti fid-digriet citat *supra*, meta ghamlet referenza ghad-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Michele Martone pro et noe vs Raymond Gatt noe** deciza fit-12 ta' Marzu, 2007, "*kif konfermat fil-gurisprudenza citata, il-lista elenkata f'dan l-artikolu 10 hija wahda ezawrjenti b'dan li jekk il-mertu ta' kawza pendenti quddiem il-Qrati ma jaqax almenu that wahda mill-erba cirkustanzi hemm elenkati, allura ma jkunx japplika l-artiklu 13 tal-Att*". Il-kunsiderazzjoni tal-Qorti fl-ghoti tad-digriet citat *supra* fil-kawza **Corporate 7 Commercial** huwa wiehed logiku u ragjonat u l-konvenuti jistghu jaqblu ma jaqblux mieghu izda din il-Qorti kif preseduta ma tararx li ghandha tiehu xi direzzjoni differenti minn dik id-decide stante li l-mertu tal-kawza odjerna mhuwiex wiehed mill-erba istanzi msemmija fl-artikolu 10 tal-Kapitolu 383;

10. Tajjeb li jkun ukoll osservat illi sia wara d-decizzjoni **Martone** fis-sena 2007 kif ukoll f'**Corporate & Commercial** fis-sena 2021 ma kien hemm ebda emenda fil-ligi in kwistjoni sabiex ticcara l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni tal-Bord b'mod li jista' jaghti ragun lill-konvenuti fl-eccezzjoni taghhom.

11. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-osservazzjonijiet ta' natura kostituzzjonali tas-scojeta' attrici, tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-bank konvenut u mill-Awtorita' konvenuta.

L-ispejjez dwar din l-eccezzjoni huma rizervati ghall-gudizzju ahhari.

______________________________

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**

**Imħallef**

______________________________

**Nicole Cini**

**Ghad Deputat Reġistratur**